SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

7 ta' Settembru 2022 *

"Għajnuna mill-Istat – Għajnuna implimentata mill-Belġju favur JCDecaux Street Furniture Belgium – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha – Vantaġġ – Obbligu ta' motivazzjoni"

Fil-Kawża T-642/19,

JCDecaux Street Furniture Belgium, stabbilita fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentata minn A. Winckler, G. Babin u B. Cambier, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn G. Braga da Cruz, C. Georgieva u D. Recchia, bħala aġenti,

konvenuta

sostnuta minn

Clear Channel Belgium, stabbilita fi Brussell, irrappreżentata minn P. de Bandt, M. Gherghinaru u L. Panepinto, avukati,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

komposta minn H. Kanninen, President, M. Jaeger u M. Stancu (Relatriċi), Imħallfin,

Reġistratur: L. Ramette, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tat-2 ta' Marzu 2022,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, JCDecaux Street Furniture Belgium, li kienet JCDecaux Belgium Publicité, titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4466 finali tal-24 ta' Ġunju 2019 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.33078 (2015/C) (eks 2015/NN) implimentata mill-Belġju affavur JC Decaux Belgium Publicité (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Il-ville de Bruxelles (il-Belt ta' Brussell, il-Belġju) u r-rikorrenti kkonkludew żewġ kuntratti suċċessivi dwar il-provvista ta' diversi tipi ta' għamara urbana, li parti minnhom setgħet tintuża għal finijiet ta' reklamar.

3 L-ewwel kuntratt, tas-16 ta' Lulju 1984 (iktar 'il quddiem il-"kuntratt tal-1984"), li t-tul tiegħu kien ta' ħmistax-il sena, kien jipprovdi li r-rikorrenti kienet tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Belt ta' Brussell u kienet tagħmel użu minn xelters tal-waqfiet tal-karozza tal-linja għar-reklamar u għamara urbana msejħa "għamara urbana għall-informazzjoni" (iktar 'il quddiem il-"MUPI") li hija baqgħet proprjetarja tagħhom fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

– ir-rikorrenti ma kienet tikseb ebda ħlas bħala kera, drittijiet ta' okkupazzjoni jew tariffi għax-xelters tal-waqfiet tal-karozza tal-linja u l-MUPI, iżda kellha tipprovdi lill-Belt ta' Brussell ċertu numru ta' vantaġġi in natura, jiġifieri li hija kellha tqiegħed għad-dispożizzjoni, mingħajr ħlas, basktijiet għar-rimi ta' skart, toilets pubbliċi u gazzetti elettroniċi kif ukoll li tfassal pjan ġenerali tal-Belt ta' Brussell, pjan turistiku u lukandier u pjan tal-bankini tal-Belt ta' Brussell;

– inkambju għas-servizzi tagħha, ir-rikorrenti kienet awtorizzata tuża għal finijiet ta' reklamar ix-xelters tal-waqfiet tal-karozza tal-linja u l-MUPI pprovduti;

– kull apparat seta' jiġi użat għal perijodu ta' ħmistax-il sena li jibda jiddekorri mill-installazzjoni tiegħu kkonstatat mill-minuti miftiehma.

4 Fl-1995, il-Belt ta' Brussell temm il-kuntratt tal-1984.

5 Fl-1998, il-Belt ta' Brussell ħareġ sejħa għal offerti intiża għall-manifattura, il-provvista, it-tqegħid, it-tħaddim, iż-żamma u l-manutenzjoni ta' MUPI, ta' xelters għall-passiġġieri u ta' għamara multimedjali, li parti minnha tista' tintuża għal finijiet ta' reklamar.

6 Sabiex tosserva l-impenji kuntrattwali tagħha li jirriżultaw mill-kuntratt tal-1984 u sabiex tiżgura t-trasparenza tas-sejħa għal offerti, il-Belt ta' Brussell elenkat, fl-Anness 10 tal-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-kuntratt tal-imsemmija sejħa għal offerti (iktar 'il quddiem l-"Anness 10"), 282 xelter tal-waqfiet tal-karozza tal-linja u 198 MUPI li jaqgħu taħt il-kuntratt tal-1984 (iktar 'il quddiem l-"apparat inkluż fl-Anness 10") fejn id-dritt ta' użu tar-rikorrenti kien għadu ma skadiex skont il-klawżoli tal-kuntratt tal-1984, billi indikat il-pożizzjoni tagħhom u d-data ta' skadenza rispettiva tagħhom.

7 It-tieni kuntratt, tal-14 ta' Ottubru 1999 (iktar 'il quddiem il-"kuntratt tal-1999"), ikkostitwit minn ordni u mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt imsemmija fil-punt 6 iktar 'il fuq u mill-annessi tiegħu, inkluż l-Anness 10, ġie ffirmat mir-rikorrenti, li rebħet is-sejħa għal offerti, u ssostitwixxa l-kuntratt tal-1984. Il-kundizzjonijiet previsti minn dan il-kuntratt kienu s-segwenti:

– it-tul tal-kuntratt kien ta' ħmistax-il sena;

– il-Belt ta' Brussell sar proprjetarju ta' għamara urbana installata, permezz tal-ħlas ta' prezz nett fil-forma ta' somma f'daqqa għal kull apparat ipprovdut, kompletament mgħammar, installat u operattiv;

– ir-rikorrenti kellha tħallas kera fix-xahar għall-użu ta' għamara urbana li kienu s-suġġett tal-kuntratt għal finijiet ta' reklamar.

8 Meta ġie implimentat il-kuntratt tal-1999, ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 tneħħew qabel id-data ta' skadenza tagħhom prevista fl-istess anness, filwaqt li oħrajn inżammu wara l-imsemmija dati. Għal dawn l-aħħar apparati, kuntrarjament għal dawk li jaqgħu taħt il-kuntratt tal-1999, ir-rikorrenti la ħallset kera u lanqas taxxa lill-Belt ta' Brussell. Din is-sitwazzjoni ntemmet f'Awwissu 2011, meta l-aħħar apparati inklużi fl-Anness 10 ġew żarmati.

9 Fid-19 ta' April 2011, l-intervenjenti, Clear Channel Belgium, ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni Ewropea fejn hija kkunsidrat li, billi kompliet tuża ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data tal-iskadenza prevista tagħhom mingħajr ma ħallset kera jew taxxa lill-Belt ta' Brussell, ir-rikorrenti kienet ibbenefikat minn għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern.

10 Fl-24 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108 TFUE.

11 Permezz ta' sentenza tad-29 ta' April 2016, il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju) ikkonfermat is-sentenza mogħtija fit-13 ta' Diċembru 2010 mit-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża, il-Belġju), li kienet iddeċidiet li r-rikorrenti ma kinitx osservat id-dati ta' skadenza previsti fl-Anness 10 dwar l-użu ta' ċerti apparati inklużi fl-istess anness, li hija ma kinitx kisbet l-awtorizzazzjoni espressa tal-Belt ta' Brussell sabiex tipproċedi għal "interverżjoni" tal-apparati ta' reklamar u li hija kienet, għalhekk, użat mingħajr titolu jew dritt ħafna minn dawn l-apparati fuq id-dominju pubbliku tal-Belt ta' Brussell.

12 Fl-24 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali billi adottat id-deċiżjoni kkontestata. L-Artikoli 1 u 2 huma fformulati kif ġej:

"Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat favur [ir-rikorrenti] ta' ammont li jikkorrispondi għall-kiri u t-taxxi mhux imħallsa fuq l-apparati ta' reklamar installati skont il-kuntratt tal-1984 fit-territorju tal-Belt ta' Brussell u miżmuma wara d-data tat-tneħħija prevista fl-Anness 10 tal-kuntratt tal-1999, mogħtija illegalment bejn il-15 ta' Settembru 2001 u l-21 ta' Awwissu 2010 mill-Belġju bi ksur tal-Artikolu 108(3) [TFUE], hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

(1) Il-Belġju huwa obbligat li jiġbor lura l-għajnuna msemmija fl-ewwel artikolu mingħand il-benefiċjarju.

[…]"

It-talbiet tal-partijiet

13 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn dan jikkonkludi li teżisti għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern favur tagħha fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-1984, u l-Artikoli 2 sa 4 tiegħu, sa fejn dawn jordnaw l-irkupru tal-għajnuna mingħandha mir-Renju tal-Belġju;

– tikkundanna lill-Kummissjoni u lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

14 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

15 L-intervenjenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad ir-rikors.

Id-dritt

16 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tqajjem erba' motivi. Fil-kuntest tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni kif ukoll żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-użu ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data tal-iskadenza tagħhom prevista mill-istess anness kien jikkostitwixxi vantaġġ. Permezz tat-tieni sar-raba' motiv, kollha mqajma b'mod sussidjarju, ir-rikorrenti ssostni li għajnuna mill-Istat ipotetika kienet kompatibbli mas-suq intern skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (ĠU 2012, C 8, p. 15) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) [TFUE] għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU 2012, L 7, p. 3) (it-tieni motiv), li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-ammont li għandu jiġi rkuprat (it-tielet motiv) u li l-għajnuna mill-Istat ikkonstatata mid-deċiżjoni kkontestata hija fi kwalunkwe każ preskritta (ir-raba' motiv).

Fuq l-ewwel motiv, li jgħid li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni kif ukoll żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-użu mir-rikorrenti ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data tal-iskadenza tagħhom prevista mill-istess anness kien jikkostitwixxi vantaġġ

17 Permezz tal-ewwel motiv tagħha, maqsum fi tliet partijiet, ir-rikorrenti tfittex, essenzjalment, li tikkontesta l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni fil-premessi 82 sa 96 tad-deċiżjoni kkontestata, dwar il-kunċett ta' "vantaġġ ekonomiku" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Permezz tal-ewwel parti, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni warrbet b'mod żbaljat il-mekkaniżmu ta' kumpens applikat mill-Belt ta' Brussell sabiex jiġi osservat l-ekwilibriju ekonomiku tal-kuntratt tal-1984 (iktar 'il quddiem il-"mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984"). Permezz tat-tieni parti, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni adottat xenarju kontrofattwali żbaljat meta kkunsidrat li l-kirjiet u t-taxxi kellhom jingħabru għall-apparati inklużi fl-Anness 10 u miżmuma wara d-data ta' skadenza tagħhom prevista mill-istess anness. Permezz tat-tielet parti, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kklassifikat b'mod żbaljat il-kuntratt tal-1984 bħala "purament kummerċjali" u għalhekk irrifjutat l-applikazzjoni tal-kriterji tal-ġurisprudenza bbażata fuq is-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415).

Fuq l-ewwel parti, li tgħid li l-Kummissjoni eskludiet b'mod żbaljat il-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984

18 Fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti ssostni li, l-ewwel, billi eskludiet ir-rilevanza tal-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984, il-Kummissjoni injorat ir-realtajiet prattiċi u legali tal-kuntratti ta' utilità pubblika fit-tul fil-Belġju, it-tieni, l-imsemmi mekkaniżmu ta' kumpens, ibbażat fuq l-obbligu għall-Belt ta' Brussell li jippreżerva l-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt tal-1984, jeskludi neċessarjament li vantaġġ ingħata lilha, it-tielet, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi billi rreferiet għas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2016, Orange vs Il-Kummissjoni (C-211/15 P, EU:C:2016:798), u għall-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415), mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984, ir-raba', billi ċaħdet ir-rilevanza ta' dan il-mekkaniżmu għar-raġuni li kienet qablet "fuq inizjattiva tagħha stess" li tirtira ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 fuq talba tal-Belt ta' Brussell, il-Kummissjoni injorat in-natura oġġettiva tal-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" u, il-ħames, l-assenza ta' dokumentazzjoni addizzjonali li takkumpanja l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 ma tippermettix li jiġi kkunsidrat li l-Belt ta' Brussell ma aġixxietx bħala operatur tas-suq, u lanqas li turi l-eżistenza ta' vantaġġ, peress li tali assenza hija konswetudinarja fit-tip ta' kuntratt inkwistjoni u li kitba formali minn qabel li tifformalizza l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 la kienet prevista mil-liġi u lanqas mill-kuntratt.

19 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

20 Għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-klassifikazzjoni bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, ta' miżura, tippreżupponi li jiġu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet, jiġifieri l-eżistenza ta' intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li dan l-intervent ikun kapaċi jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, li jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu u li jwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, dan il-vantaġġ għandu jkun imputabbli lill-Istat (ara s-sentenza tal-25 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs European Food *et*, C-638/19 P, EU:C:2022:50, punt 121 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Fir-rigward tal-kunċett ta' "għajnuna" mill-ġurisprudenza jirriżulta li din tinkludi mhux biss benefiċċji pożittivi, bħal sussidji, iżda wkoll miżuri li, f'diversi forom, itaffu t-tariffi li normalment huma inklużi fil-baġit ta' impriża u li, għalhekk, mingħajr ma huma sussidji fis-sens strett tal-kelma, huma simili fin-natura tagħhom u għandhom l-istess effett (ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, T-425/11, EU:T:2014:768, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Għalhekk, ġie deċiż li miżura li permezz tagħha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu lil ċerti impriżi eżenzjoni mill-ispejjeż ekonomiċi li, għalkemm ma jinvolvux trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, tqiegħed lill-benefiċjarji f'sitwazzjoni finanzjarja iktar favorevoli mill-kontribwenti l-oħra, kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, T-425/11, EU:T:2014:768, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-vantaġġ huwa vantaġġ ekonomiku li impriża ma setgħetx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fl-assenza ta' intervent mill-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' April 1999, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-342/96, EU:C:1999:210, punt 41).

24 Barra minn hekk, il-kunċett ta' "vantaġġ", inerenti għall-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat, huwa ta' natura oġġettiva, indipendentement mill-motivi tal-awturi tal-miżura inkwistjoni. Għalhekk, in-natura tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mill-miżuri statali u l-ġustifikazzjoni tagħhom huma nieqsa minn kull effett fuq il-klassifikazzjoni tagħhom bħala għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, l-Artikolu 107(1) TFUE ma jiddistingwixxix skont il-kawżi jew l-għanijiet tal-interventi statali, iżda jiddefinixxihom skont l-effetti tagħhom (ara s-sentenza tal-25 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs European Food *et*, C-638/19 P, EU:C:2022:50, punt 122 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984, fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li l-fatt li ż-żamma u l-użu ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data tal-iskadenza tagħhom prevista mill-istess anness kienu intiżi sabiex jikkumpensaw għal allegat żvantaġġ li r-rikorrenti allegatament subit minħabba t-tneħħija minn qabel ta' ċertu numru ta' apparati inklużi fl-Anness 10 allegatament impost mill-Belt ta' Brussell u li dan il-mekkaniżmu ta' kumpens kien konformi mar-realtajiet prattiċi u legali tal-kuntratti ta' utilità pubblika fit-tul fil-Belġju ma jimplikax li dak il-mekkaniżmu ma jistax jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

26 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 24 iktar 'il fuq, il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" huwa kunċett legali oġġettiv iddefinit direttament mill-Artikolu 107(1) TFUE, li ma jagħmilx distinzjoni skont il-kawżi jew l-għanijiet tal-interventi statali, iżda jiddefinixxihom skont l-effetti tagħhom. Konsegwentement, il-fatt li l-għan tal-miżura statali kien li jinżamm l-ekwilibriju ekonomiku tal-kuntratt tal-1984 jew li dan l-għan kien konformi mal-prinċipji tad-dritt nazzjonali ma jippermettix li tiġi eskluża *ab initio* il-klassifikazzjoni ta' tali miżura bħala "għajnuna mill-Istat".

27 L-istess jgħodd fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li jgħid li, billi eskludiet ir-rilevanza tal-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 minħabba li hija aċċettat "fuq inizjattiva tagħha stess" li tirtira ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 fuq talba tal-Belt ta' Brussell, il-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat in-natura oġġettiva tal-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat".

28 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, il-fatt li tkompli tuża ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data tal-iskadenza tagħhom prevista mill-istess anness mingħajr ma tħallas la kera u lanqas taxxa lill-Belt ta' Brussell kellu l-effett li jnaqqas dawn l-ispejjeż li kienu jolqtu l-baġit tagħha.

29 Fil-fatt, huwa stabbilit bejn il-partijiet li, wara l-konklużjoni tal-kuntratt tal-1999, ir-rikorrenti setgħet tistabbilixxi u tuża fit-territorju tal-Belt ta' Brussell għamara urbana biss fil-kundizzjonijiet previsti mill-imsemmi kuntratt, li skonthom hija kellha tħallas kera u taxxi. Skont l-Anness 10, b'deroga mill-klawżoli tal-kuntratt tal-1999, l-apparati inklużi f'dan l-anness setgħu jkomplu jiġu użati mir-rikorrenti fil-kundizzjonijiet previsti mill-kuntratt tal-1984, jiġifieri mingħajr ħlas la tal-kera u lanqas tat-taxxa, iżda biss sad-dati ta' skadenza previsti mill-istess anness. Wara dawn id-dati, dan l-apparat kellu jiġi ssostitwit b'dispożittivi ġodda li jaqgħu taħt il-kuntratt tal-1999, u għalhekk suġġetti għall-obbligu ta' ħlas tat-taxxi u tal-kera.

30 Minn dan isegwi li l-fatt li tkomplew jintużaw ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-kuntratt tal-1984 wara d-dati ta' skadenza previsti fl-istess anness ippermetta lir-rikorrenti tevita li tinstalla u tuża apparat ġdid li jaqa' taħt il-kuntratt tal-1999 u, konsegwentement, tħallas il-kirjiet u t-taxxi li hija kellha tħallas, skont dan l-aħħar kuntratt. Barra minn hekk, mill-premessa 49 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-użu ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 ma setax ikompli wara d-data ta' skadenza prevista mill-istess anness mingħajr permess mill-Belt ta' Brussell.

31 Barra minn hekk, f'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-punt 11 iktar 'il fuq, permezz tas-sentenza tagħha tad-29 ta' April 2016, il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell) iddeċidiet li r-rikorrenti ma kinitx osservat id-dati ta' skadenza previsti fl-Anness 10 fir-rigward ta' ċerti apparati inklużi fl-istess anness, li hija ma kinitx kisbet l-awtorizzazzjoni espressa tal-Belt ta' Brussell sabiex tipproċedi għal "interverżjoni" tal-apparati ta' reklamar u li hija kienet, għalhekk, użat mingħajr titolu u lanqas dritt numru minn dawn l-apparati pubbliċi fid-dominju pubbliku tal-Belt ta' Brussell.

32 Ċertament, ir-rikorrenti tqis li s-sentenza tad-29 ta' April 2016 tal-Cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell) ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' din il-proċedura sa fejn il-Belt ta' Brussell ma kienx parti minn din il-kawża u li, għaldaqstant, ma setax jikkonferma quddiem il-qorti nazzjonali l-eżistenza tal-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984.

33 Issa, dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, kif ġustament tindika l-Kummissjoni mingħajr ma ġiet ikkontestata mir-rikorrenti, mill-qari tas-sentenza tad-29 ta' April 2016 tal-Cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell) jirriżulta li l-Belt ta' Brussell ġie msejjaħ fil-kawża u kellu l-possibbiltà li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu. Barra minn hekk, kif jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata, fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża, il-Belt ta' Brussell ma kkontestax l-effetti ta' din is-sentenza.

34 Fit-tielet lok, huwa b'mod żbaljat li r-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha, fil-premessi 87 sa 89 tad-deċiżjoni kkontestata, fuq il-punti 41 sa 44 tas-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Orange vs Il-Kummissjoni (T-385/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:117), minħabba li l-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jirriżultaw minnhom kienu speċifiċi għall-fatti tat-tilwima.

35 Fil-fatt, fil-punt 43 tas-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Orange vs Il-Kummissjoni (T-385/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:117), ġie deċiż li kien biss sa fejn intervent statali kellu jitqies li huwa kumpens li jirrappreżenta l-korrispettiv tas-servizzi pprovduti mill-impriżi inkarigati minn servizz ta' interess ekonomiku ġenerali sabiex jeżegwixxu obbligi ta' servizz pubbliku, skont il-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415), li l-imsemmi intervent ma jaqax taħt l-Artikolu 107(1) TFUE. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex l-intenzjoni li tillimita l-portata ta' din il-kunsiderazzjoni għall-każ inkwistjoni fl-imsemmija sentenza. Barra minn hekk, l-argument ibbażat fuq il-fatt li, f'dan il-każ, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni arranġament kuntrattwali ma għandux bażi fattwali, peress li, kif jirriżulta mill-punt 31 iktar 'il fuq, permezz tas-sentenza tad-29 ta' April 2016, il-Cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell) iddeċidiet li r-rikorrenti ma kinitx kisbet l-awtorizzazzjoni espliċita tal-Belt ta' Brussell li tipproċedi għal "interverżjoni" tal-apparati ta' reklamar.

36 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata bl-argument tar-rikorrenti li l-paragun mal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415), huwa ineffettiv peress li hija ma kinitx responsabbli għall-ħlas tat-taxxi u tal-kirjiet u peress li ma setax ikun hemm kwistjoni ta' trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Fil-fatt, fil-premessi 87 sa 89 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rreferiet għall-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415), fir-rigward tal-istabbiliment ta' vantaġġ, u mhux sabiex teżamina trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Barra minn hekk, fil-kuntest tat-tielet parti tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti stess tinvoka din il-ġurisprudenza billi ssostni li l-kundizzjonijiet stabbiliti minnha huma applikabbli f'dan il-każ.

37 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-kontestazzjoni mir-rikorrenti tal-konklużjoni tal-Kummissjoni fil-premessi 94 u 95 tad-deċiżjoni kkontestata, li tgħid li l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 ma setax jiġi kkunsidrat bħala aġir normali ta' operatur f'ekonomija tas-suq, jeħtieġ, anki jekk jitqies li l-aġir tal-Belt ta' Brussell f'dan il-każ jista' jiġi eżaminat, li jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura statali tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, għandu jiġi evalwat jekk, f'ċirkustanzi simili, operatur ta' ekonomija tas-suq, ta' daqs li jista' jitqabbel ma' dak ta' korpi li jamministraw is-settur pubbliku, seta' kellu jadotta deċiżjoni simili, jiġifieri, f'dan il-każ, li jikkumpensa b'mod simili għal dannu allegatament ikkawżat lil parti kontraenti matul l-eżekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Ryanair u Airport Marketing Services vs Il-Kummissjoni, T-165/15, EU:T:2018:953, punt 140). Barra minn hekk, huwa neċessarju li elementi oġġettivi u verifikabbli juru b'mod ċar li l-Istat Membru kkonċernat ħa, qabel jew fl-istess waqt tal-għoti tal-vantaġġ ekonomiku, id-deċiżjoni li tikkumpensa, permezz tal-miżura effettivament implimentata, id-dannu allegatament ikkawżat lill-parti kontraenti fl-eżekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs EDF, C-124/10 P, EU:C:2012:318, punti 82 u 83).

38 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li ebda element ippreżentat quddiem il-Kummissjoni ma jippermetti li tiġi identifikata l-eżistenza ta' analiżi mill-Belt ta' Brussell tat-telf ta' qligħ effettiv tar-rikorrenti marbut mat-tneħħija minn qabel ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10, li l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 kien intiż li jikkumpensa, u mill-benefiċċju li jirriżulta miż-żamma ta' apparati oħra inklużi fl-istess anness.

39 Sussegwentement, ma jirriżulta minn ebda element tal-proċess li l-Belt ta' Brussell segwiet l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984. F'dan is-sens, barra minn hekk, matul il-proċedura ta' eżami quddiem il-Kummissjoni, l-awtoritajiet Belġjani indikaw li kien hemm nuqqas ta' ekwilibriju bejn in-numru ta' apparati inklużi fl-Anness 10 imneħħija qabel u n-numru ta' apparati miżmuma wara d-data ta' skadenza tagħhom prevista fl-istess anness u li l-allegat kumpens imwettaq mill-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 kien imur lil hinn minn dak li kien meħtieġ mill-allegat żvantaġġ subit mir-rikorrenti (premessi 85 u 89 tad-deċiżjoni kkontestata).

40 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-assenza ta' dokumentazzjoni addizzjonali li takkumpanja l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li l-Belt ta' Brussell ma ġabitx ruħha bħala operatur tas-suq, u lanqas li tintwera l-eżistenza ta' vantaġġ, peress li tali assenza hija konswetudinarja fit-tip ta' kuntratt inkwistjoni u li kitba formali minn qabel li tifformalizza l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 la hija prevista mil-liġi u lanqas mill-kuntratt, huwa suffiċjenti li jitfakkar li, hekk kif ikkonstatat fil-punt 31, fis-sentenza tagħha tad-29 ta' April 2016, il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell) iddeċidiet li r-rikorrenti ma kinitx osservat id-dati ta' skadenza previsti mill-Anness 10 fir-rigward ta' ċerti apparati inklużi fl-istess anness, li hija ma kisbitx l-awtorizzazzjoni espressa tal-Belt ta' Brussell biex twettaq "interverżjoni" tal-apparat ta' reklamar u li għalhekk kienet użat mingħajr titolu jew dritt ħafna minn dawn l-apparati fid-dominju pubbliku tal-Belt ta' Brussell.

41 Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat, kif tindika ġustament il-Kummissjoni, li, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk formalizzazzjoni bil-miktub tal-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 kinitx neċessarja jew le skont id-dritt Belġjan jew l-imsemmi kuntratt, l-imsemmi mekkaniżmu ta' kumpens ma kienx jeżenta lill-amministrazzjoni nazzjonali milli twettaq analiżi tal-eżistenza u tal-portata tal-eventwali dannu li r-rikorrenti subit minħabba t-tneħħija minn qabel ta' ċerti apparati previsti fl-Anness 10 u li dan il-mekkaniżmu kien intiż jikkumpensa sabiex jiġi ppreżervat il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt tal-1984, qabel ma jiġi implimentat l-imsemmi mekkaniżmu. Fil-fatt, tali analiżi kienet neċessarja sabiex jiġi vverifikat jekk il-miżura mogħtija mill-amministrazzjoni nazzjonali kinitx konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-Artikolu 107(1) TFUE.

42 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ġustament ikkunsidrat li ż-żamma u l-użu mir-rikorrenti ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data ta' skadenza tagħhom prevista mill-istess anness kienu jikkostitwixxu vantaġġ ekonomiku fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE anki jekk din iż-żamma kienet mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984.

43 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, li tgħid li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u żball ta' dritt meta kkunsidrat li r-rikorrenti kienet ibbenefikat minn ekonomija f'termini ta' kirjiet u ta' taxxi li jikkostitwixxu vantaġġ

44 Permezz ta' din il-parti, ir-rikorrenti tikkontesta, essenzjalment, il-premessa 132 tad-deċiżjoni kkontestata, li fiha l-Kummissjoni kkunsidrat li l-kalkolu tal-ammont tal-għajnuna inkompatibbli kellu jsir għal kull apparat inkluż fl-Anness 10 u li nżamm installat wara d-data ta' skadenza prevista mill-istess anness wara l-15 ta' Settembru 2001 billi jittieħed bħala riferiment il-kirjiet

dovuti abbażi tal-kuntratt tal-1999 u t-taxxi ġeneralment applikabbli għall-apparat ta' reklamar bejn id-data ta' skadenza prevista fl-Anness 10 (jekk din id-data hija wara l-15 ta' Settembru 2001) jew il-15 ta' Settembru 2001 (jekk din id-data hija qabel il-15 ta' Settembru 2001) u d-data li fiha t-tneħħija effettivament seħħet. Fir-rigward ta' dan ta' l-aħħar, il-Kummissjoni indikat li l-kalkolu kellu jsir fuq il-bażi tal-Artikoli 3 sa 5 tar-regolament fiskali tal-Belt ta' Brussell tas-17 ta' Ottubru 2001, tal-Artikoli 4 sa 7 tar-regolament fiskali tal-Belt ta' Brussell tat-18 ta' Diċembru 2006 u tal-Artikoli 4 sa 6 tar-regolament fiskali tal-Belt ta' Brussell tas-17 ta' Diċembru 2007, tal-15 ta' Diċembru 2008, tad-9 ta' Novembru 2009, tal-20 ta' Diċembru 2010 u tal-5 ta' Diċembru 2011.

– *Fuq l-ilment dwar il-kirjiet mhux miġbura*

45 Fir-rigward tal-kirjiet mhux miġbura, ir-rikorrenti ssostni li, peress li l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 ġie stabbilit mill-Belt ta' Brussell sabiex jinżamm l-ekwilibriju ekonomiku tal-imsemmi kuntratt, l-apparat imniżżel fl-Anness 10 u li nżamm wara d-data tal-iskadenza prevista mill-istess anness kien jaqa' taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmi kuntratt. Issa, peress li l-kuntratt tal-1984 ma kien jipprevedi ebda kera, dritt ta' okkupazzjoni jew tariffa, ma kienx hemm telf ta' qligħ mill-Belt ta' Brussell f'termini ta' kirjiet.

46 Fl-osservazzjonijiet tagħha dwar in-nota ta' intervent, ir-rikorrenti żżid li, anki jekk wieħed jassumi li l-Belt ta' Brussell tista' titlobha xi ammont għall-użu tad-dominju pubbliku tagħha, l-unika sistema legali applikabbli kienet tkun ir-regolament fiskali tas-17 ta' Ottubru 2001, li jirregola, b'mod partikolari, is-sitwazzjoni ta' għamara urbana mqiegħda għal finijiet kummerċjali mingħajr awtorizzazzjoni fit-toroq pubbliċi. B'hekk, kull apparat inkluż fl-Anness 10 u li nżamm wara d-data tal-iskadenza prevista mill-istess anness ma kienx jagħti lok għall-ħlas ta' kera, iżda pjuttost għal dik ta' tariffa annwali għal okkupazzjoni tad-dominju pubbliku, li l-ammont tagħha huwa negliġibbli (EUR 223.20 għal kull għamara).

47 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

48 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, hekk kif ġie indikat fil-punti 29 u 30 iktar 'il fuq, li, wara d-dħul fis-seħħ tal-kuntratt tal-1999, ir-rikorrenti setgħet tistabbilixxi u tuża fit-territorju tal-Belt ta' Brussell għamara urbana, inklużi dawk li setgħu jintużaw għal finijiet ta' reklamar, biss fil-kundizzjonijiet previsti mill-imsemmi kuntratt, li skonthom hija kellha tħallas kera u taxxi.

49 Issa, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 22 iktar 'il fuq, peress li waħda mill-kundizzjonijiet previsti fil-kuntratt tal-1999 kienet il-ħlas tal-kirjiet, il-Kummissjoni ġustament ikkonkludiet li l-użu mir-rikorrenti ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data tal-iskadenza prevista mill-istess anness, mingħajr ma ħallset l-ebda kera lill-Belt ta' Brussell, kien ikkostitwixxa vantaġġ permezz tar-riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

50 Għaldaqstant, hemm lok li dan l-ilment jiġi miċħud bħala infondat.

– *Fuq l-ilment dwar it-taxxi mhux miġbura*

51 Fir-rigward tat-taxxi mhux miġbura, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni stabbilixxiet b'mod żbaljat is-sistema ta' referenza. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tressaq diversi argumenti. L-ewwel, hija ssostni li, fin-nuqqas ta' sistema fiskali uniformi fit-territorju nazzjonali, jew saħansitra fit-territorju tar-région de Bruxelles-Capitale (ir-reġjun ta' Brussell-Kapitali, il-Belġju),

ir-regolamenti fiskali adottati mill-Belt ta' Brussell ma setgħux jikkostitwixxu sistema ta' referenza. Għaldaqstant, il-fatt li r-rikorrenti ma kellhiex tħallas taxxi fuq għamara urbana użata għal finijiet ta' reklamar fit-territorju tal-Belt ta' Brussell kien jikkostitwixxi vantaġġ biss fil-każ fejn jintwera li, fil-komuni l-oħra kollha tal-Belġju li fihom l-intervenjenti kienet tagħmel użu minn għamara urbana għal finijiet ta' reklamar, hija kellha tħallas taxxa fuq din l-għamara urbana stabbilita bl-istess rata u fuq kull għamara urbana użata għal finijiet ta' reklamar. It-tieni, ir-rikorrenti ssostni li l-kuntratti tal-1984 u tal-1999 ma humiex suġġetti għar-regolament fiskali tas-17 ta' Ottubru 2001. F'dan is-sens, ir-rikorrenti tinvoka żewġ sentenzi tal-4 ta' Novembru 2016 tat-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża) li jikkonfermaw li hija ma kellhiex tħallas taxxi komunali fuq ir-reklamar fir-rigward tal-kuntratt tal-1999. It-tielet, hija ssostni li l-prinċipju ta' mutabbiltà huwa applikabbli għall-kuntratti tal-1984 u tal-1999.

52 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

53 L-ewwel, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti dwar is-sistema ta' referenza applikabbli għall-każ inkwistjoni, għandu jiġi rrilevat li, fil-każ li dan għandu jiġi interpretat bħala li jirrigwarda n-natura selettiva tal-miżura, dan għandu jiġi miċħud, peress li, fil-każ ta' miżura individwali, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, is-selettività tal-vantaġġ ekonomiku hija preżunta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Il-Kummissjoni vs MOL, C-15/14 P, EU:C:2015:362, punt 60).

54 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta ħadet bħala sistema ta' riferiment ir-regolamenti fiskali tal-Belt ta' Brussell, peress li, matul il-proċedura prekontenzjuża, l-awtoritajiet Belġjani ma kkontestawx li dawn ir-regolamenti kienu jikkostitwixxu s-sistema fiskali ta' riferiment dwar it-tassazzjoni għall-użu ta' apparat ta' reklamar fit-territorju tal-Belt ta' Brussell.

55 It-tieni, kuntrarjament għal dak li tallega r-rikorrenti, l-użu ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data tal-iskadenza tagħhom prevista fl-istess anness kienet suġġetta għar-regolament fiskali tas-17 ta' Ottubru 2001 u n-nuqqas ta' ħlas tat-taxxi fil-fatt implika tnaqqis fil-baġit tagħha.

56 Fil-fatt, mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolamenti fiskali tal-Belt ta' Brussell iċċitati fid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li r-regolament fiskali tas-17 ta' Ottubru 2001 introduċa għas-snin fiskali 2002 sa 2006 taxxa fuq ir-riklami ta' natura temporanja u fuq l-ispazju pubbliku. Dan l-istess regolament kien jipprevedi eżenzjoni mit-taxxi għar-reklami tal-Belt ta' Brussell jew tal-korpi li huwa kien ħoloq, iffinanzja jew li kienu suġġetti għalih. Il-Belt ta' Brussell sussegwentement adotta r-regolament fiskali tat-18 ta' Diċembru 2006, li kien jipprevedi l-istess taxxa u l-istess eżenzjoni għas-sena taxxabbli 2007. Mis-sena ta' taxxa 2008, il-Belt ta' Brussell introduċa taxxa speċifikament fuq l-apparati ta' reklamar, bis-saħħa tar-regolamenti fiskali tas-17 ta' Diċembru 2007, tal-15 ta' Diċembru 2008, tad-9 ta' Novembru 2009, tal-20 ta' Diċembru 2010 u tal-5 ta' Diċembru 2011.

57 Mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta wkoll li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom tal-20 ta' Ġunju 2016, bi tweġiba għall-mistoqsijiet magħmula mill-Kummissjoni permezz ta' ittra tal-15 ta' April 2016, l-awtoritajiet Belġjani indikaw li, inizjalment, il-Belt ta' Brussell kien ikkunsidra, bis-saħħa tal-eżenzjoni mit-taxxi għar-reklami tal-belt prevista mir-regolament fiskali tas-17 ta' Ottubru 2001, li l-għamara urbana koperta mill-kuntratt tal-1999 użata għal finijiet ta' reklamar ma kinitx taxxabbli peress li kienet tappartjeni għall-Belt ta' Brussell. Għalhekk, hija ma ġabritx l-ammonti li jikkorrispondu għal dawn it-taxxi għas-snin taxxabbli 2002 sa 2009.

58 Madankollu, kif indikat mill-awtoritajiet Belġjani fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom tal-20 ta' Frar 2017, bi tweġiba għall-mistoqsijiet komplementari magħmula mill-Kummissjoni fl-14 ta' Frar 2017, il-Belt ta' Brussell qatt ma uża huwa stess għamara urbana għal finijiet ta' reklamar u huma biss l-għamara urbana li jaqgħu taħt il-kuntratt tal-1999 li kienu jappartjenu lilu.

59 Barra minn hekk, l-awtoritajiet Belġjani indikaw li l-Belt ta' Brussell kien sussegwentement ikkonkluda għall-eżenzjoni mit-taxxi fuq l-għamara urbana użati għal finijiet ta' reklamar biss minħabba li kienu jappartjenu għall-Belt ta' Brussell, filwaqt li huwa ma kienx l-operatur tagħhom, kienet ta' natura li toħloq inġustizzja fir-rigward tal-operaturi ta' apparati ta' reklamar oħra. Huwa ddeċieda li jiġbor taxxi fuq l-għamara urbana użati għal finijiet ta' reklamar li jaqgħu taħt il-kuntratt tal-1999 u l-ewwel reġistrazzjoni seħħew fl-2011 u kienu jirrigwardaw is-sena taxxabbli 2009.

60 Issa, dawn iċ-ċirkustanzi kollha juru li l-eżenzjoni mit-taxxi applikata mill-Belt ta' Brussell għall-apparati inklużi fl-Anness 10 u miżmuma wara d-data ta' skadenza prevista fl-istess anness kienet il-konsegwenza tal-applikazzjoni għal dawn l-apparati tal-eżenzjoni mit-taxxi prevista mir-regolamenti fiskali tagħha għall-avviżi tal-Belt ta' Brussell, anki jekk hija la kienet l-operatur u lanqas il-proprjetarju tal-imsemmija apparati.

61 Konsegwentement, il-Kummissjoni ġustament ikkonkludiet li r-regolamenti fiskali adottati mill-Belt ta' Brussell mill-2001 kellhom japplikaw għall-apparati inklużi fl-Anness 10 u miżmuma installati wara d-data ta' skadenza tagħhom u li l-eżenzjoni applikata mill-Belt ta' Brussell qabel is-sena taxxabbli 2009 kienet deroga mis-sistema ta' referenza li timplika vantaġġ permezz tar-riżorsi tal-Istat min-naħa tal-Belt ta' Brussell.

62 Fil-fatt, kif indikaw l-awtoritajiet Belġjani stess, għalkemm seta' effettivament jiġi ġġustifikat li jiġu eżentati mit-taxxi l-għamara urbana użata għal finijiet ta' reklamar użati mill-Belt ta' Brussell għall-bżonnijiet tiegħu stess jew għal dawk ta' organi li huwa kien ħoloq, iffinanzja jew li kienu suġġetti għalih, tali eżenzjoni ma kinitx applikabbli meta l-imsemmija għamara kienet użata għal dawn l-istess għanijiet minn terz u, b'mod partikolari, minn impriża kummerċjali attiva fis-settur tar-reklamar estern.

63 Fir-rigward taż-żewġ sentenzi tal-4 ta' Novembru 2016 mogħtija mit-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża) u li jikkonfermaw li r-rikorrenti ma kinitx responsabbli għall-ħlas ta' taxxi komunali fuq ir-reklamar f'dak li jirrigwarda l-kuntratt tal-1999, għandu jiġi kkonstatat li dawn huma irrilevanti fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat tal-użu ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data ta' skadenza prevista mill-istess anness. Fil-fatt, kif ġie indikat fil-punt 24 iktar 'il fuq, f'dak li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' miżura statali bħala għajnuna mill-Istat, l-Artikolu 107 TFUE ma jagħmilx distinzjoni skont il-kawżi jew l-għanijiet tal-interventi statali, iżda jiddefinixxihom skont l-effetti tagħhom. Barra minn hekk, ġie deċiż li miżura li permezz tagħha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu lil ċerti impriżi eżenzjoni fiskali li, minkejja li ma tinvolvix trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, tqiegħed lill-benefiċjarji f'sitwazzjoni finanzjarja iktar favorevoli mill-kontribwenti l-oħra, kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, T-425/11, EU:T:2014:768, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 It-tielet, fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti dwar il-mutabbiltà tal-kuntratti tal-1984 u tal-1999 fl-ipoteżi ta' applikazzjoni tat-taxxi, għandu jiġi kkonstatat, kif ġustament indikat il-Kummissjoni, li l-prinċipju ta' mutabbiltà ma jistax jimponi fuq il-Belt ta' Brussell li jirrevedi

l-kuntratt tal-1984. Dan il-kuntratt jipprevedi espliċitament, fl-Artikolu 7.2 tiegħu, li, fil-każ ta' modifika tal-kundizzjonijiet tal-użu, inklużi miżuri fiskali ġodda, hija r-rikorrenti li għandha titlob ir-reviżjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-kuntratt, u mhux il-Belt ta' Brussell li tipproċedi *ex officio* għal tali reviżjoni. Issa, ir-rikorrenti ma pproduċietx il-prova li talbet reviżjoni tal-kuntratt tal-1984.

65 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat li r-rikorrenti kienet ibbenefikat minn ekonomija f'termini ta' kirjiet u ta' taxxi li jikkostitwixxu vantaġġ. Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tielet parti, li tgħid li l-kuntratti tal-1984 u tal-1999 ma humiex "purament kummerċjali" u l-kundizzjonijiet tal-ġurisprudenza li jirriżultaw mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415), kienu ssodisfatti f'dan il-każ

66 Fil-kuntest tat-tielet parti tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti ssostni li, f'dan il-każ, il-kuntratti tal-1984 u tal-1999 ma humiex "purament kummerċjali" u li l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 jissodisfa l-erba' kundizzjonijiet tal-ġurisprudenza li jirriżultaw mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415). Għalhekk, ir-rikorrenti ssostni li hija kienet inkarigata b'missjonijiet ta' servizz pubbliku ddefiniti b'mod ċar, li l-parametri tal-kalkolu tal-imsemmi mekkaniżmu ta' kumpens kienu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti, li l-kumpens kien limitat għal dak li kien neċessarju sabiex ikopri l-ispejjeż assoċjati mat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku u li l-kuntratti tal-1984 u tal-1999 ġew attribwiti lilha permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għal offerti miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorji.

67 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

68 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li, peress li d-deċiżjoni kkontestata tikkonċerna biss iż-żamma ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data ta' skadenza prevista fl-istess anness, l-analiżi tal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415), tikkonċerna biss l-imsemmija żamma, peress li l-argument tar-rikorrenti dwar il-kuntratt tal-1999 huwa, għaldaqstant, ineffettiv.

69 Fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415), għandu jitfakkar li, skont din il-ġurisprudenza, ma jaqax taħt l-Artikolu 107(1) TFUE, intervent statali kkunsidrat bħala kumpens li jirrappreżenta l-korrispettiv ta' servizzi mwettqa mill-impriżi benefiċjarji sabiex jeżegwixxu obbligi ta' servizz pubbliku, b'tali mod li dawn l-impriżi ma jibbenefikawx, fir-realtà, minn vantaġġ finanzjarju u li l-imsemmi intervent għalhekk ma għandux l-effett li jqiegħed lil dawn l-impriżi f'pożizzjoni kompetittiva iktar favorevoli meta mqabbla mal-impriżi kompetituri.

70 Madankollu, sabiex, f'każ konkret, tali kumpens ma jiġix ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat, l-erba' kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ssodisfatti b'mod kumulattiv:

– l-ewwel, l-impriża benefiċjarja kienet effettivament inkarigata sabiex twettaq obbligi ta' servizz pubbliku, u tali obbligi għandhom ikunu ddefiniti b'mod ċar;

– it-tieni, il-parametri li fuqhom huwa kkalkolat l-ammont tal-kumpens għandhom ikunu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti;

– it-tielet, il-kumpens ma jistax ikun iktar minn dak li huwa neċessarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż, kollha jew parti minnhom, li jirriżultaw mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll il-profitt raġonevoli għat-twettiq ta' tali obbligi;

– ir-raba', meta l-għażla tal-impriża responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku ma ssirx fil-kuntest ta' proċedura ta' kuntratt pubbliku, il-livell tal-kumpens neċessarju għandu jkun stabbilit abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża medja, immexxija tajjeb u adegwatament mgħammra b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa l-bżonnijiet neċessarji ta' servizz pubbliku, kienet tagħmel sabiex twettaq tali obbligi, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll il-profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi.

71 Mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415), jirriżulta li l-ewwel kundizzjoni hija essenzjalment intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk, l-ewwel, l-impriża benefiċjarja kinitx ġiet effettivament inkarigata mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku u, it-tieni, jekk dawn l-obbligi humiex iddefiniti b'mod ċar fid-dritt nazzjonali. Din il-kundizzjoni għandha għan ta' trasparenza u ta' ċertezza legali li jeżiġi li jiġu ssodisfatti kriterji minimi li jirrigwardaw l-eżistenza ta' att wieħed jew iktar ta' awtorità pubblika li jiddefinixxu b'mod suffiċjentement preċiż minn tal-inqas in-natura, it-tul u l-portata tal-obbligi ta' servizz pubbliku li għandhom jitwettqu mill-impriżi inkarigati mit-twettiq ta' dawn l-obbligi (sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Comunidad Autónoma del País Vasco *et* vs Il-Kummissjoni, C-66/16 P sa C-69/16 P, EU:C:2017:999, punti 72 u 73).

72 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, għandu jiġi osservat li minn ebda dokument prodott mir-rikorrenti ma jirriżulta li l-awtoritajiet Belġjani ddefinixxew bħala servizz ta' importanza ekonomika ġenerali l-installazzjoni u l-użu ta' għamara urbana bħal dawk li huma s-suġġett tal-kuntratt tal-1984. Fit-tieni lok, kif jirriżulta mill-analiżi mwettqa fil-punti 31 sa 33 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma setgħetx tinvoka awtorizzazzjoni espressa mill-Belt ta' Brussell għaż-żamma u l-użu wara d-data ta' skadenza ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10. Konsegwentement, għandu jiġi enfasizzat li ma jeżisti ebda att ta' awtorità pubblika li inkarigat lir-rikorrenti sabiex twettaq it-tneħħija ta' ċerti apparati ta' għamara urbana b'eżekuzzjoni ta' obbligu ta' servizz pubbliku.

73 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li l-kuntratt tal-1984 kien kuntratt purament kummerċjali, b'tali mod li l-ewwel kundizzjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415), ma kinitx issodisfatta.

74 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-erba' kundizzjonijiet tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415), għandhom jiġu osservati b'mod kumulattiv sabiex il-kumpens ta' obbligi ta' servizz pubbliku imposti jkun jista' jevita l-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2017, Franza vs Il-Kummissjoni, T-366/13, mhux ippubblikata, EU:T:2017:135, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan jirriżulta li l-fatt li waħda minnhom ma tkunx osservata huwa suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li jeżisti vantaġġ u għalhekk li l-kumpens inkwistjoni jiġi kklassifikat bħala għajnuna (sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Buonotourist vs Il-Kummissjoni, T-185/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:430, punt 132).

75 Minn dan kollu li ntqal jirriżulta li t-tielet parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

76 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat li ż-żamma u l-użu ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data tal-iskadenza tagħhom prevista mill-istess anness kienu jikkostitwixxu vantaġġ u li l-ewwel motiv ma huwiex fondat.

Fuq it-tieni motiv, li jgħid li għajnuna mill-Istat ipotetika kienet kompatibbli mas-suq intern skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku u d-Deċiżjoni 2012/21

77 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi u żball ta' evalwazzjoni sa fejn, anki jekk jitqies li l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 seta' jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat, hija kellha, fid-dawl tas-setgħat ta' investigazzjoni li hija kellha, tassumi l-effett sħiħ tal-Artikolu 106(2) TFUE.

78 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

79 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tat-tieni motiv tagħha, ir-rikorrenti tipprova tikkontesta l-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna. Ir-rikorrenti tallega li, kuntrarjament għal dak li huwa indikat fil-premessa 126 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kellha teżamina *ex officio* l-applikabbiltà tal-Artikolu 106(2) TFUE għall-miżura inkwistjoni u li, peress li hija ma għamlitx dan, hija wettqet żball ta' liġi u żball ta' evalwazzjoni.

80 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-eżami tal-kompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq intern, l-Istat Membru kkonċernat u l-partijiet interessati huma liberi li jikkontestaw ir-raġunament provviżorju tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali. L-Istat Membru u, sa ċertu punt, il-partijiet interessati huma ġeneralment fl-aħjar pożizzjoni sabiex jistabbilixxu l-eżistenza ta' għan ta' interess ġenerali li kien imfittex matul l-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni, li jippermetti li din tiġi ddikjarata bħala totalment jew parzjalment kompatibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2019, UPF vs Il-Kummissjoni, T-747/17, EU:T:2019:271, punt 128).

81 Konsegwentement, peress li, kif ġie kkonstatat fil-premessa 126 tad-deċiżjoni kkontestata, l-awtoritajiet Belġjani fl-ebda mument matul il-proċedura ta' eżami quddiem il-Kummissjoni ma ressqu argument intiż li jipprova li waħda mid-derogi previsti fl-Artikolu 106(2) TFUE kienet tapplika f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma tistax tikkritika lill-Kummissjoni talli ma eżaminatx *ex officio* l-kompatibbiltà tal-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 mal-imsemmi artikolu.

82 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ġustament qieset li l-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 106(2) TFUE ma setgħetx tiġi invokata. Għaldaqstant, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tielet motiv, li jgħid li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-ammont li għandu jiġi rkuprat

Fuq l-ewwel parti, li tgħid li l-Kummissjoni ma tweġibx b'mod suffiċjenti għall-elementi invokati mill-partijiet, tippreġudika l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata fl-istqarrija għall-istampa tagħha u tikser ir-regoli proċedurali interni tagħha

83 Fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tielet motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni, peress li hija qieset l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata għal madwar EUR 2 miljuni, li jikkorrispondi għall-ammont imressaq mill-intervenjenti, minkejja l-fatt li hija wriet, kif ukoll l-awtoritajiet Belġjani, li l-istimi tal-intervenjenti ma kinux korretti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppreġudikat l-ammont tal-għajnuna li kellha tiġi rkuprata fl-istqarrija għall-istampa tagħha tal-24 ta' Ġunju 2019 mingħajr madankollu ma dan l-ammont kien jidher fid-deċiżjoni kkontestata. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kellha timmotiva l-għażla li ssegwi l-proposta tal-intervenjenti. Peress li hija ma għamlitx dan, dan jikkostitwixxi nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u deroga mill-manwal tagħha stess tal-proċeduri fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, li jindika li r-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jkun iktar strett fir-rigward tal-punti ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet.

84 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

85 Għandu jiġi kkonstatat li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar il-fatt li l-Kummissjoni stmat l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata għal madwar EUR 2 miljuni billi għamlet tagħha din l-evalwazzjoni mressqa mill-intervenjenti huma bbażati fuq qari żbaljat tad-deċiżjoni kkontestata.

86 Għalhekk, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta b'mod ċar li r-riferiment għall-ammont ta' EUR 2 miljuni ġie inkluż fil-kuntest tal-preżentazzjoni tal-istimi tal-għajnuna li kellha tiġi rkuprata mressqa mill-intervenjenti u mill-awtoritajiet Belġjani, u mhux bħala motiv tal-Kummissjoni insostenn tal-evalwazzjoni tagħha tal-imsemmi ammont.

87 Barra minn hekk, mill-qari tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta mingħajr ebda dubju li l-Kummissjoni ma kkwantifikatx l-għajnuna li għandha tiġi rkuprata, iżda stabbilixxiet ġustament il-metodu ta' kalkolu tal-ammont tal-imsemmija għajnuna. Fil-fatt, f'dan ir-rigward, hija indikat li l-kalkolu kellu jsir għal kull apparat inkluż fl-Anness 10 u li baqa' installat wara d-data ta' skadenza tiegħu wara l-15 ta' Settembru 2001 billi jittieħdu bħala riferiment il-kirjiet dovuti skont il-kuntratt tal-1999 u t-taxxi ġeneralment applikabbli għall-apparati ta' reklamar bejn id-data tal-iskadenza inizjalment prevista fl-Anness 10 (jekk din kienet wara l-15 ta' Settembru 2001) jew il-15 ta' Settembru 2001 (jekk id-data kienet qabel il-15 ta' Settembru 2001) u d-data li fiha t-tneħħija kienet effettivament seħħet, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984.

88 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni adottat l-ammont tal-għajnuna mressqa mill-intervenjenti mingħajr ma mmotivat l-għażla tagħha li ssegwi l-proposta ta' din tal-aħħar huwa infondat.

89 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti, li tgħid li l-kwantifikazzjoni tal-ammont ta' għajnuna mill-Istat ipotetika kienet impossibbli u kienet tikkostitwixxi ostakolu għall-irkupru tagħha

90 Permezz tat-tieni parti tat-tielet motiv, ir-rikorrenti tikkontesta l-analiżi tal-Kummissjoni fil-premessi 52, 119, 137 u 144 tad-Deċiżjoni. L-ewwel, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni warrbet l-istimi mwettqa mill-awtoritajiet Belġjani u aċċettat l-ammont tal-għajnuna proposta mill-intervenjenti. It-tieni, ir-rikorrenti tallega li, fi kwalunkwe każ, fil-prattika huwa impossibbli li jiġi kkwantifikat il-vantaġġ li hija kienet ibbenefikat minnu, peress li, konformement mal-istruttura finanzjarja tagħha, il-kuntratt tal-1984, li jirregola l-apparati inklużi fl-Anness 10, ma kien jipprovdi ebda kera, dritt ta' okkupazzjoni jew tariffa u peress li kien applikabbli għall-apparati inklużi fl-Anness 10 u li baqgħu installati wara d-data ta' skadenza tagħhom. It-tielet, hija tallega li, anki jekk jiġi kkunsidrat li l-kumpens bejn l-apparati mneħħija qabel id-data ta' skadenza prevista fl-Anness 10 u l-apparati miżmuma wara d-data ta' skadenza tagħhom seta' jagħti lok għal żbilanċ, *quod non*, il-Kummissjoni ma setgħetx titlob l-irkupru tal-vantaġġ li jirriżulta minnu, peress li, fin-nuqqas ta' evalwazzjoni raġonevoli tal-vantaġġ allegat, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża tal-Belt ta' Brussell jista' jikkostitwixxi ostakolu għall-irkupru tiegħu konformement mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] (ĠU 2015, L 248, p. 9).

91 F'dan l-aħħar rigward, fir-replika, ir-rikorrenti żżid li n-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata invokata fir-rikors iċaħħadha hija stess mill-possibbiltà li tikkontesta bi preċiżjoni l-punti ta' liġi u ta' fatt li fuqhom hija bbażata l-evalwazzjoni tal-ammont tal-għajnuna. Issa, skont ir-rikorrenti, l-impossibbiltà li tevalwa l-ammont tal-vantaġġ ipotetiku li hija bbenefikat minnu, flimkien mal-imsemmi nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, tirriżulta fi ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha u tostakola l-istħarriġ tal-legalità eżerċitat mill-qorti.

92 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinvoka fil-kontroreplika l-inammissibbiltà tal-ilment marbut mal-ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti mressaq fir-replika, minħabba li, fl-istadju tar-rikors, hija qieset li l-Belt ta' Brussell kien sofra dan il-ksur. Għall-Kummissjoni, dan il-motiv ġdid għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli konformement mal-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

93 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-Kummissjoni warrbet l-istimi mwettqa mill-awtoritajiet Belġjani u aċċettat l-ammont tal-għajnuna proposta mill-intervenjenti, minn naħa, għandu jitfakkar li fil-punti 87 u 88 iktar 'il fuq ġie kkonstatat li l-Kummissjoni ma kinitx ikkwantifikat l-għajnuna li għandha tiġi rkuprata, iżda kienet biss stabbilixxiet il-metodu ta' kalkolu tal-ammont tal-imsemmija għajnuna mingħajr ma għamlet tagħha l-ammont tal-għajnuna mressaq mill-intervenjenti. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni spjegat ir-raġunijiet li għalihom, fil-fehma tagħha, il-vantaġġ li minnu r-rikorrenti kienet ibbenefikat kien ikbar minn dak ikkunsidrat mill-awtoritajiet Belġjani. B'hekk, il-Kummissjoni indikat li hija kienet tikkunsidra li l-istima għal EUR 200 000 tal-imsemmi vantaġġ imressaq minn dawn l-awtoritajiet kienet infondata peress li kienet ikkalkolata billi ttieħed inkunsiderazzjoni b'mod żbaljat il-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984.

94 Fir-rigward tal-allegata impossibbiltà li jiġi kkwantifikat il-vantaġġ li minnu bbenefikat ir-rikorrenti u l-allegat ksur tad-drittijiet tad-difiża li jirriżulta minnu, għandu jiġi indikat, qabel kollox, li l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, previst bħala dritt tad-difiża fl-Artikolu 41(1)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni

Ewropea. Fir-rigward ta' motiv ta' ordni pubbliku, dan jista' jitqajjem fl-istadju tar-replika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Lulju 2017, Badica u Kardiam vs Il-Kunsill, T-619/15, EU:T:2017:532, punt 42).

95 Sussegwentement, għandu jiġi kkonstatat li l-argumenti tar-rikorrenti dwar l-allegata impossibbiltà li tikkwantifika l-vantaġġ li hija bbenefikat minnu u l-allegat ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha u ta' dawk tal-Belt ta' Brussell huma bbażati fuq premessa żbaljata. Fil-fatt, ir-rikorrenti tqis, essenzjalment, li l-uniku vantaġġ li jista' eventwalment jittieħed inkunsiderazzjoni huwa dak li jirriżulta minn żbilanċ bejn in-numru ta' apparati inklużi fl-Anness 10 li tneħħew qabel id-data ta' skadenza tagħhom u n-numru ta' apparati miżmuma, bħala kumpens, wara d-data tal-iskadenza tagħhom prevista fl-Anness 10. Skont ir-rikorrenti, iż-żamma ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 jikkostitwixxu vantaġġ biss sa fejn l-imsemmija żamma tmur lil hinn minn dak li kien jikkumpensa l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984. Din il-premessa, magħmula barra minn hekk fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża mill-awtoritajiet Belġjani u miċħuda mill-Kummissjoni, ma hijiex madankollu korretta. Fil-fatt, kif indikat fil-punti 25 sa 42 iktar 'il fuq, iż-żamma u l-użu mir-rikorrenti ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 wara d-data ta' skadenza prevista mill-istess anness jikkostitwixxu vantaġġ ekonomiku fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Għaldaqstant, kif indikat ġustament il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, il-kalkolu kellu jsir għal kull apparat inkluż fl-Anness 10 u kellu jinżamm wara d-data tal-iskadenza prevista mill-istess anness wara l-15 ta' Settembru 2001 billi jittieħdu bħala riferiment il-kirjiet dovuti skont il-kuntratt tal-1999 u t-taxxi ġeneralment applikabbli għall-apparati ta' reklamar bejn id-data ta' skadenza inizjalment prevista fl-Anness 10 (jekk din hija wara l-15 ta' Settembru 2001) jew il-15 ta' Settembru 2001 (jekk id-data ta' skadenza inizjalment prevista fl-Anness 10 kienet effettivament preċedenti għall-15 ta' Settembru 2001) u d-data li fiha effettivament seħħet it-tneħħija, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984.

96 Fir-rigward ta' din il-metodoloġija ta' kalkolu stabbilita fid-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi ppreċiżat li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata, meta tordna l-ħlas lura ta' għajnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern, li tiffissa l-ammont eżatt tal-għajnuna li għandha titħallas lura. Huwa suffiċjenti li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tinkludi indikazzjonijiet li jippermettu lid-destinatarju tagħha li jkun jista' jiddetermina huwa stess, mingħajr diffikultajiet eċċessivi, dan l-ammont (ara s-sentenza tat-13 ta' Frar 2014, Mediaset, C-69/13, EU:C:2014:71, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, skont il-ġurisprudenza, huwa suffiċjenti li l-Kummissjoni tipprovdi metodu ta' kalkolu suffiċjentement affidabbli sabiex tiddetermina l-ammont tal-għajnuna li għandha tingħata lura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Franza, C-441/06, EU:C:2007:616, punt 41), li huwa l-każ f'din il-kawża.

97 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandhom jiġu miċħuda t-tieni parti tat-tielet motiv u, għaldaqstant, it-tielet motiv, bħala infondati.

Fuq ir-raba' motiv, li jgħid li l-għajnuna mill-Istat adottata mid-deċiżjoni kkontestata hija fi kwalunkwe każ preskritta

98 Fil-kuntest tar-raba' motiv, ir-rikorrenti tikkontesta l-premessi 66 u 67 tad-deċiżjoni kkontestata, billi ssostni li l-punt tat-tluq għall-kalkolu tal-għoti ta' għajnuna f'dan il-każ ma hijiex id-data li fiha kull apparat inkluż fl-Anness 10 li nżamm wara d-data ta' skadenza prevista fl-istess anness kien jiskadi, iżda d-data tad-deċiżjoni li jsir il-kumpens wara t-tneħħija minn qabel ta' wħud mill-imsemmija apparati fuq talba tal-Belt ta' Brussell. Skont ir-rikorrenti, peress li

l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 kien diġà fis-seħħ mill-31 ta' Lulju 2000, tkun xi tkun id-data li fiha ttieħdet id-deċiżjoni li jiġi applikat dan il-mekkaniżmu, hija tipprečedi l-15 ta' Settembru 2001. L-irkupru ta' kull għajnuna huwa għaldaqstant preskritt, sa fejn l-ewwel talba għal informazzjoni indirizzata mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet Belġjani hija datata 15 ta' Settembru 2011.

99 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

100 Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2015/1589, is-setgħat tal-Kummissjoni biex tirkupra l-għajnuna huma suġġetti għal perijodu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin. L-Artikolu 17(2) ta' dan l-istess regolament jiddisponi li t-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mid-data li fiha l-għajnuna illegali tingħata lill-benefiċjarju, bħala għajnuna individwali jew fil-kuntest ta' skema ta' għajnuna, u kull miżura meħuda mill-Kummissjoni, jew minn Stat Membru li jaġixxi fuq talba mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-għajnuna illegali tinterrompi dan it-terminu.

101 Skont il-ġurisprudenza, id-determinazzjoni tad-data tal-għoti ta' għajnuna tista' tvarja skont in-natura tal-għajnuna inkwistjoni, b'tali mod li, fil-każ ta' skema pluriannwali fil-forma ta' ħlas jew l-għoti perjodiku ta' vantaġġi, id-data tal-adozzjoni ta' att li jikkostitwixxi l-bażi legali tal-għajnuna u dik meta l-impriżi effettivament ingħataw il-benefiċċju tagħha jistgħu jkunu sseparati minn tul ta' żmien sostanzjali. F'tali każ, għall-finijiet tal-kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni, l-għajnuna għandha tiġi kkunsidrata li ngħatat lill-benefiċjarju unikament fid-data meta din tingħata effettivament lil dan tal-aħħar (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni, C-81/10 P, EU:C:2011:811, punt 82).

102 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-miżura statali kkunsidrata mill-Kummissjoni bħala li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat hija ż-żamma u l-użu mir-rikorrenti, mingħajr ħlas ta' kirjiet u ta' taxxi, ta' ċerti apparati inklużi fl-Anness 10 bejn id-data ta' skadenza prevista mill-istess anness u dik li fiha t-tneħħija effettivament seħħet.

103 Issa, fid-dawl ta' din il-karatteristika tal-għajnuna inkwistjoni, għandu jiġi kkonstatat li, tkun xi tkun id-data li fiha d-deċiżjoni dwar l-allegat mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984 seħħet qabel il-31 ta' Lulju 2000, id-data li minnha r-rikorrenti effettivament ibbenefikat mill-vantaġġ li jikkonsisti fin-nuqqas ta' ħlas tal-kirjiet u tat-taxxi għall-apparati inklużi fl-Anness 10 u miżmuma wara d-data ta' skadenza prevista mill-istess anness hija preċiżament id-data li fiha dawn l-apparati kellhom jitneħħew. Konsegwentement, hija din id-data li tikkostitwixxi d-data li fiha l-għajnuna ngħatat lir-rikorrenti, fis-sens tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2015/1589, u għalhekk id-data li minnha beda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni.

104 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, l-għajnuna rriżultat f'għoti perjodiku ta' benefiċċji peress li t-taxxi u l-kirjiet għall-apparati inklużi fl-Anness 10 u miżmuma u użati wara d-data tal-iskadenza tagħhom prevista mill-istess anness kienu dovuti perjodikament sad-data tat-tneħħija definittiva tagħhom.

105 Fl-aħħar, peress li l-ewwel talba għal informazzjoni indirizzata mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet Belġjani hija datata 15 ta' Settembru 2011, kull għajnuna eventwali mogħtija lir-rikorrenti qabel il-15 ta' Settembru 2001 hija fi kwalunkwe każ preskritta.

106 Konsegwentement, il-metodoloġija ta' kalkolu tal-ammont tal-għajnuna stabbilita mill-Kummissjoni, li skontha l-kalkolu għandu jsir għal kull apparat inkluż fl-Anness 10 u miżmuma wara d-data tal-iskadenza prevista mill-istess anness wara l-15 ta' Settembru 2001 billi jittieħdu bħala riferiment il-kirjiet dovuti taħt il-kuntratt tal-1999 u t-taxxi ġeneralment applikabbli għall-apparati ta' reklamar bejn id-data ta' skadenza inizjalment prevista fl-Anness 10 (jekk din hija wara l-15 ta' Settembru 2001) jew il-15 ta' Settembru 2001 (jekk id-data kienet qabel il-15 ta' Settembru 2001) u d-data li fiha effettivament seħħ il-kumpens, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-mekkaniżmu ta' kumpens tal-kuntratt tal-1984, hija korretta.

107 Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata ma hijiex ivvizzjata b'illegalità sa fejn il-Kummissjoni qieset li l-għajnuna mill-Istat li hija kkonstatat ma kinitx preskritta.

108 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud, u għaldaqstant, ir-rikors fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

109 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

110 Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha flimkien ma' dawk sostnuti mill-Kummissjoni kif mitlub minn din tal-aħħar. Peress li l-intervenjenti ma talbitx li r-rikorrenti tiġi kkundannata għall-ispejjeż, din għandha, konsegwentement, tbati l-ispejjeż tagħha stess.

Għal dawn ir-raġunijiet,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **JCDecaux Street Furniture Belgium hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.**

3) **Clear Channel Belgium għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha stess.**

Kanninen Jaeger Stancu

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-7 ta' Settembru 2022.

Firem